**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 93/2019VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 6 ta' Mejju 2025**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fid-19 ta' Settembru 2019 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħhom mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.10.2015-31.12.2015, 01.01.2016-31.03.2016, 01.04.2016-30.06.2016, u 01.10.2016-31.12.2016 huma nulli u/jew invalidi, u konsegwentement jikkanċellahom;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 7 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħhom għall-perijodi ta' taxxa 01.10.2015-31.12.2015, 01.01.2016-31.03.2016, 01.04.2016-30.06.2016, u 01.10.2016-31.12.2016 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) in linea preliminari l-appell istitwit mir-Rikorrenti huwa rritu u null in kwantu tardiv; u (ii) fil-mertu, l-aggravji fuq liema r-Rikorrenti jibbażaw l-appell tagħhom huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 30 sa' 121 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2019[1], il-partijiet qablu li fid-dawl ta' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrenti sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, tingħata deċiżjoni dwar tali eċċezzjoni qabel ma l-appell jiġi trattat fil-mertu;

[1] Fol. 122 tal-proċess.

Ra li b'Digriet datat 5 ta' Novembru 2019[2], ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi, b'dana li jibda bil-provi l-ewwel il-Kummissarju tat-Taxxi, limitatament għall-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrenti;

Sema' x-xhieda ta' Denise Said, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Diċembru 2020[3] u tad-29 ta' Novembru 2021[4] u ra d-dokument esebit minnha markat Dok. "DS1" a fol. 128 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Nadia Gauci, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2020[5], ra d-dokumenti, ossia l-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrenti għall-perijodi ta' taxxa 01.10.2015-31.12.2015, 01.01.2016-31.03.2016, 01.04.2016-30.06.2016, u 01.10.2016-31.12.2016, esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fil-11 ta' Diċembru 2020 a fol. 135 sa' 139 tal-proċess, sema' x-xhieda tar-Rikorrent XXX[6] u ta' Mario Agius[7] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021 u ra d-dokumenti esebiti minn Mario Agius markati Dok. "MA" a fol. 146 sa' 186 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrenti sollevata minnu, a fol. 208 sa' 215 tal-proċess;

Ra li r-Rikorrenti ma ppreżentawx in-Nota Responsiva tagħhom dwar l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dana minkejja diversi differimenti mogħtija għal tali skop;

Ra li fit-23 ta' Frar 2024 ir-Rikorrenti talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dana għar-raġunijiet mogħtija fir-Rikors relattiv;

Ra li b'Digriet mogħti llum stess 6 ta' Mejju 2025, it-talba tar-Rikorrenti għas-sopensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ġiet miċħuda stante li: (i) fi żmien iktar minn sena mit-talba tat-23 ta' Frar 2024 it-Tribunal ma ġie nfurmat bl-ebda żviluppi li jistgħu jiġġustifikaw is-sospensjoni jew differiment ulterjuri ta' l-għoti tas-sentenza; **u** (ii) fi kwalunkwe każ, b'din is-sententenza qed tiġi trattata u determinata l-eċċezzjoni preliminari tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrenti sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u l-proċeduri kriminali msemmija minnhom fir-Rikors tagħhom tat-23 ta' Frar 2024 ma jistgħux jimpingu fuq tali kwistjoni u l-eżitu ta' l-istess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkonsidra:

Permezz ta' erba' stimi datati 26 ta' Lulju 2019[8] u għall-perijodi ta' taxxa 01.10.15-31.12.15, 01.01.16-31.03.16, 01.04.16-30.06.16 u 01.10.16-31.12.16, il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi ħlas mingħand ir-Rikorrenti tas-somma ta' €133,990.20 rappreżentanti taxxa, flimkien mas-somma ulterjuri ta' €26,798.04 rappreżentanti taxxa amministrattiva, komplessivament ammontanti għal **€160,788.24**. Ir-Rikorrenti ħassewhom aggravati bil-ħruġ ta' l-imsemmija stimi fil-konfront tagħhom u interponew

[2] *Ibid.*
[3] Fol. 129 sa' 131 tal-proċess.
[4] Fol. 192 u 193 tal-proċess.
[5] Fol. 132 u 133 tal-proċess.
[6] Fol. 187 tal-proċess.
[7] Fol. 188 u 189 tal-proċess.
[8] Fol. 136 sa' 139 tal-proċess.

dan l-appell quddiem it-Tribunal permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li l-istimi hekk maħruġa fil-konfront tagħhom mill-Kummissarju tat-Taxxi huma nulli u/jew invalidi, u konsegwentement jikkanċellahom.

Ir-Rikorrenti jibbażaw l-appell tagħhom mill-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.10.15-31.12.15, 01.01.16-31.03.16, 01.04.16-30.06.16 u 01.10.16-31.12.16 fuq is-segwenti aggravji: (i) in via preliminari, li l-istimi hekk maħruġa fil-konfront tagħhom huma invalidi fil-Liġi stante li l-istimi proviżorji li minnhom ħarġu l-istimi finali mertu ta' dawn il-proċeduri, ħarġu bi vjolazzjoni ta' l-ispirtu u tad-dettami ta' l-Artikolu 32(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-imsemmija stimi proviżorji ħarġu mingħajr ebda raġuni; (ii) fil-mertu, huma tempestivament u fedelment issottomettew lill-Kummissarju tat-Taxxi meta hekk mitlub, il-fatturi kollha relatati mad-denunzji mertu ta' dawn il-proċeduri u l-fatturi hekk sottomessi jammontaw għat-taxxa rikjamata u huma relatati direttament ma' l-attività ekonomika tagħhom.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħhom għall-perijodi ta' taxxa 01.10.15-31.12.15, 01.01.16-31.03.16, 01.04.16-30.06.16 u 01.10.16-31.12.16 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) in linea preliminari l-appell istitwit mir-Rikorrenti huwa rritu u null in kwantu tardiv; u (ii) fil-mertu, l-aggravji fuq liema r-Rikorrenti jibbażaw l-appell tagħhom huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2019[9], il-partijiet qablu li fid-dawl ta' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrenti sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, tingħata deċiżjoni dwar tali eċċezzjoni qabel ma l-appell jiġi trattat fil-mertu. Għaldaqstant b'din id-deċiżjoni qed tiġi trattata u determinata l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ai termini tal-Partita 2(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta: *Appell kontra stima ma jkunx validu sakemm: (a) denunzja fuq it-taxxa tal-perjodu li għaliha tirreferi l-istima tkun intbagħtet lill-Kummissarju qabel ma jinġieb l-appell; (b) kull taxxa pagabbli mill-appellant li m'hemmx kwistjoni dwarha tkun ġiet imħallsa; (ċ)* ***tkun saret fi żmien tletin ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontrih isir l-appell***[10]*; (d) tkun saret fil-forma u bil-mod kif preskritt taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva; u (e) jkun sar ħlas ta' dritt biex jiġi intavolat appell kif preskritt taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li appell minn stima/stimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' *taxpayer* għandu jiġi intavolat fi żmien tletin ġurnata mid-data tan-notifika ta' tali stima/stimi.

Fil-każ in eżami, mill-provi prodotti jirriżulta li l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri ġew notifikati fit-12 ta' Awwissu 2019 u tħallew f'idejn ċerta XXX. Fir-rigward Denise Said[11], rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, xehdet illi *jiena f'dan il-każ qassamt l-assessments fl-indirizz li jkun tana hu, it-taxpayer. ... Li huwa XXX, u dawn l-assessments qassamthom fit-12 ta' Awwissu tas-sena 2019. ... meta ħabbattna l-bieb fetħitilna s-XXX) fejn aċċettat dan l-envelope li tajniha u ffirmatilna għalih u għandi dokument fejn juri l-firma tagħha u li aċċettat l-assessments* - Dok. "DS1" a fol. 128 tal-

[9] Fol. 122 tal-proċess.
[10] Enfasi tat-Tribunal.
[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2020, fol. 129 sa' 131 tal-proċess.

proċess. Mistoqsija b'mod speċifiku dwar l-indirizz li fih ġew notifikati l-istimi, Denise Said stqarret li dan l-indirizz ġabitu *mis-sistema tagħna u jkun indirizz li tana t-taxpayer stess*. Dak affermat minn Denise Said ġie kkonfermat minn rappreżentant ieħor tal-Kummissarju tat-Taxxi, ossia Nadia Gauci[12], li flimkien ma' Said kienet inkarigata mit-tqassim ta' l-istimi lir-Rikorrenti.

Ir-Rikorrent XXX[13] kkonferma n-notifika ta' l-istimi in kwistjoni u stqarr illi wara xi jumejn min-notifika huwa għaddihom lill-accountant tiegħu Mario Agius. Dana Mario Agius ikkonferma illi XXX kien għaddielu l-istimi *wara xi 3 days* u żied jgħid li *sfortunatament dak iż-żmien kont diagnosed b'cancer fil-fwied u I was lost jiġifieri, għandi l-medical records* - Dok. "MA" fol. 146 sa' 186 tal-proċess - *u għadni għaddej sal-lum jiġifieri it's more than that. Kif ġejt naqra f'posti issottomettejnieh u l-avukat daħħal ir-rikors*. Tenna li XXX għaddielu l-istimi *wara 3 ijiem għax ħaditu l-mara tiegħu kien qalli* u stqarr li f'dak l-istess żmien *kont l-isptar, kienu qed jieħdu ħsieb it-tobba jiġifieri it was a serious thing għaliex minbarra l-cancer, if I may explain, darba bil-lejl il-qalb minflok bdiet titfa' d-demm mas-sistema, bdiet titfa' d-demm kollu ġol-istonku and I had to be in hospital terminally, jiġifieri ma stajt nagħmel assolutament xejn.*

Ladarba l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri ġew notifikati fit-**12 ta' Awwissu 2019**, ai termini tal-Partita 2(1)(ċ) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta l-appell minnhom kellu jiġi ppreżentat sal-**11 ta' Settembru 2019**, iżda l-appell odjern ġie ippreżentat fid-**19 ta' Settembru 2019**, ossia ben oltre t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata hekk prefiss fil-Liġi.

It-Tribunal iħoss li għandu jagħmel osservazzjoni dwar in-notifika ta' l-istimi lil XXX, li huwa r-Rikorrent l-ieħor f'dawn il-proċeduri. Filwaqt li dwar in-notifika ta' l-istimi lir-Rikorrent XXX ma hemmx wisq x'jingħad in kwantu rriżulta li kienet il-mara tiegħu stess li aċċettat in-notifika ta' l-istimi fit-12 ta' Awwissu 2019, it-Tribunal iqis li n-notifika kif saret tikkostitwixxi notifika valida anke fir-rigward tar-Rikorrent l-ieħor XXX.

Ai termini ta' l-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta: *Kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta.*

Huwa evidenti li fil-każ in eżami l-Kummissarju tat-Taxxi għażel li jipproċedi bin-notifika personali lit-*taxpayer* in kwantu l-istimi tqassmu minn żewġ uffiċjali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ossia Denise Said u Nadia Gauci. Għall-fini ta' notifika lit-*taxpayer* personalment it-Tribunal iqis - u dana sabiex ikun hemm bażi ċara li tirregola kif u f'idejn min issir in-notifika sabiex din titqies li saret validament u ai termini tal-Liġi - għandha tittieħed gwida minn dak provdut fl-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista'*

[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2020, fol. 132 u 133 tal-proċess.
[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, fol. 187 tal-proċess.

*tinstab. In-notifika tista' ukoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. … Iżda, il-kopja ma tistax titħalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xhieda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju u in-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata…*

Mix-xhieda ta' Denise Said, liema xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta jew imxejna mir-Rikorrenti, jirriżulta li n-notifika saret fl-indirizz XXX, li huwa l-indirizz provdut lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud marbut mal-XXX, liema VAT Number jgħajjat lil XXX **u** lil XXX flimkien. Huwa evidenti għalhekk li d-Dipartiment ġie struwit mit-*taxpayer* stess - f'dan il-każ XXX - biex kwalunkwe korrispondenza da parte ta' l-istess Dipartiment u/jew il-Kummissarju tat-Taxxi tintbagħat fl-imsemmi indirizz, u meta wasal iż-żmien għan-notifika ta' l-istimi finali d-Dipartiment hekk għamel.

It-Tribunal jirrileva li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-indirizz fejn tqassmu u ġew notifikati l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia XXX, jidher fuq diversi Avviżi oħra mibgħuta mill-Kummissarju tat-Taxxi lil XXX tul iż-żmien, u n-notifika dejjem ġiet aċċettata u qatt ma tqajjmu ebda kontestazzjonijiet da parte ta' Vella u/jew Scerri dwar il-validità ta' l-istess, anzi huma dejjem ipproċedew għall-pass sussegwenti li kien imiss wara n-notifika ta' tali Avviżi. Ad eżempju l-istimi proviżorji li ppreċedew l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri ġew ukoll notifikati fl-istess indirizz, u XXX għaddew biex jitlobu għal Review. Mhux talli kien hemm reazzjoni għall-istimi proviżorji da parte ta' XXX u n-notifika ta' l-istess ma jidhirx li ġiet attakkata - u del resto lanqas qed tiġi minnhom jew ta' l-inqas minn XXX, attakkata f'dawn il-proċeduri - talli fuq it-talba għal Review ta' tali stimi proviżorji huma ndikaw l-istess indirizz XXX

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-indirizz XXX, huwa l-fond residenzjali tar-Rikorrent XXX[14], tant illi meta Denise Said u Nadia Gauci marru biex iqassmu l-istimi mertu ta ' dawn il-proċeduri kienet Anna Vella, mart ir-Rikorrent XXX, illi aċċettat in-notifika ta ' l-istess. Fil-fehma tat-Tribunal una volta li XXX, reġistrat taħt il-VAT Number MT10564004, ta l-indirizz imsemmi bħala l-post fejn kellhom jiġi notifikati lilu Avviżi maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u/jew il-Kummissarju tat-Taxxi, isegwi li huwa ta l-kunsens tiegħu biex persuna residenti f'dak il-fond, fil-każ in eżami Anna Vella, tirċievi u taċċetta tali dokumentazzjoni għalih ukoll.

Hawn it-Tribunal irid jenfasizza li n-notifiki ta 'Avviżi maħruġa mid-Dipartiment u/jew mill-Kummissarju tat-Taxxi dejjem saru f'dan l-indirizz u l-validità ta 'l-istess qatt ma ġiet kontestata minn XXX u in verità lanqas qed tiġi minnu kontestata f'dawn il-proċeduri.

Fid-dawl ta 'dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li n-notifika ta 'l-istimi li seħħet fit-12 ta 'Awwissu 2019 kienet notifika valida fir-rigward kemm ta 'XXX kif ukoll ta ' XXX, u konsegwentement minn dakinhar skatta t-terminu ta' tletin ġurnata sabiex jiġi ppreżentat appell minn tali stimi.

---

[14] Vide Folder relattiv għan-notifika ta' l-Avviż tas-Smigħ a fol. 14 tal-proċess.

Kif ingħad l-appell mill-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrenti għall-perijodi ta ' taxxa 01.10.2015-31.12.2015, 01.01.16-31.03.16, 01.04.16-30.06.16 u 01.10.16-31.12.16 ġie ntavolat fid-19 ta 'Settembru 2019, ossia oltre t-terminu ta 'tletin ġurnata prefiss fil-Liġi. Ir-Rikorrent jipprova jiġġustifika din it-tardività permezz tax-xhieda ta 'Mario Agius illi stqarr li fiż-żmien meta r-Rikorrent XXX għaddielu l-istimi in kwistjoni – u dana madwar tlett ijiem wara li ġew notifikati f'idejn mart ir-Rikorrent Anna Vella – huwa kien rikoverat l-isptar minħabba raġunijiet mediċi taċ 'erta portata u fir-rigward esebixxa dokumentazzjoni relattiva markata Dok. "MA" a fol. 146 sa '186 tal-proċess.

Mingħajr ma jnaqqas xejn mis-serjetà tas-sitwazzjoni medika ta 'Mario Agius, it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li mid-dokumentazzjoni esebita markata Dok. "MA" ma jirriżultax li bejn it-12 ta 'Awwissu 2019 (id-data tan-notifika ta 'l-istimi) u l-11 ta 'Settembru 2019 (id-data sa 'meta kellu jiġi ppreżentat l-appell mill-istimi) Mario Agius kien rikoverat l-isptar. Fi kwalunkwe u *dato ma non concesso* li f'dak il-perijodu Mario Agius kien serjament indispost, it-Tribunal xorta waħda ma jistax – għaliex il-Liġi ma tippermettix – jonjora li t-terminu statutorju għall-preżentata ta' l-appell minn stimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa tletin ġurnata min-notifika ta' l-istimi, u li fil-każ in eżami tali terminu għalaq fil-11 ta' Settembru 2019.

Kif diversi drabi osservat mill-Qrati nostrali *meta si tratta dwar l-osservanza ta' termini imposti mil-liġijiet speċjali* - fil-każ in eżami l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - *billi dawn it-termini huma ta' ordni pubbliku ma jistgħu, għal ebda raġuni, jiġu estizi, lanqas ma jistgħu jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula (vide Alexander Caruana v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Ġunju 2010). Illi ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija minnha fil-31 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet Alfred Cassar v. L-Awtorità ta' l-Ippjanar meta rriteniet li "filwaqt li din il-Qorti ma tistax ma tissimpatizzax xi ftit ma' l-appellant għas-sitwazzjoni li sab ruħu fiha, però ma jidhrilhiex li din il-proċedura t'Appell adottata mill-appellant tista' tkun waħda valida skond il-Liġi. Dan għaliex il-liġi ssemmi espressament it-termini li kellhom jiġu osservati u ladarba dawn ma jiġux osservati s-sanzjoni ineżorabbli tan-nullità trid bilfors tiġi applikata*[15].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, ladarba l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri ġew notifikati lir-Rikorrenti fit-12 ta' Awwissu 2019, it-terminu ta' l-appell skada fil-11 ta' Settembru 2019 bil-konsegwenza li l-appell odjern ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2019 huwa kjarament tardiv u b'hekk irritu u null fil-Liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi **jilqa'** l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħhom għall-perijodi ta' taxxa 01.10.2015-31.12.2015, 01.01.16-31.03.16, 01.04.16-30.06.16 u 01.10.16-31.12.16 sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, u konsegwentement jiddikjara li l-imsemmi appell huwa tardiv in kwantu ppreżentat oltre t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata min-notifika ta' l-istimi prefiss fil-Partita 2(1)(ċ) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant huwa rritu u null ai termini tal-Liġi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrenti.

---

[15] Adolf Micallef v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali, Appell Nru. 3/2012 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Mejju 2014.

Ai termini tal-Partita 2(4) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**